StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta

**IR-RABA' SENA IL-ĠEOGRAFIJA (Ġenerali) IL-ĦIN: Siegħa u Nofs**

**L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ____________**

**Din hija lista ta' kliem ġeografiku użat f'din il-karta tal-eżami u t-tifsira tiegħu bl-Ingliż.**

| | |
|---|---|
| *Id-densità tal-popolazzjoni* | *Population density* |
| *It-tagħwir tal-blat folja folja* | *Onion skin weathering* |
| *It-tagħwir tal-blat b'mod kimiku* | *Chemical weathering* |
| *It-tagħwir tal-blat b'mod bijoloġiku* | *Biological weathering* |
| *It-tagħwir tal-blat bil-ġlata* | *Freeze thaw weathering* |
| *Għajn ix-xmara* | *River source* |
| *Fomm ix-xmara* | *River mouth* |
| *Is-sodda tax-xmara* | *River bed* |
| *Xatt ix-xmara* | *River banks* |
| *Kaskata* | *Waterfall* |
| *Meandra* | *Meander* |
| *Materja Prima* | *Raw materials* |
| *Enerġija rinnovabbli* | *Renewable energy* |
| *Enerġija idroelettrika* | *Hydro-electrical Power* |

**Wieġeb il-mistoqsijiet kollha.**

(a) Semmi l-ibħra mmarkati bl-ittri **A** u **B** fuq il-mappa tad-dinja f'paġna 6.
Agħżel minn: **il-Baħar tat-Tramuntana, il-Baħar tal-Arabja, il-Baħar Koral, il-Baħar Aral, il-Baħar Mediterran.**

**(2)**

(b) Il-pajjiżi t'hawn taħt għandhom il-kosta tagħhom tmiss jew mal-Baħar tat-Tramuntana jew mal-Baħar Mediterran. Poġġi dawk il-pajjiiżi li għandhom il-kosta tagħhom tmiss mal-Baħar tat-Tramuntana fl-ewwel kolonna u dawk li jmissu mal-Baħar Mediterran fit-tieni kolonna.

**Malta, Il-Greċja, Id-Danimarka, L-Olanda, L-Italja, L-Ingilterra**

| ***Il-Baħar tat-Tramuntana*** | ***Il-Baħar Mediterran*** |
|---|---|
| | |
| | |
| | |

**(3)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(ċ) Semmi **erba'** modi kif il-Baħar tat-Tramuntana qed jitniġġes.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

**(4)**

(d) Aqta' sinjal taħt id-deżert immarkat bl-ittra **C** fuq il-mappa tad-dinja f'paġna 5.
Agħżel minn: **id-Deżert tan-Namib, id-Deżert Awstraljan, id-Deżert tas-Saħara, id-Deżert tal-Arabja**.

**(2)**

(e) Aqta' sinjal taħt il-fatturi li jaffettwaw id-densità tal-popolazzjoni fid-deżert immarkat bl-ittra **C** fuq il-mappa.

**Ħafna sħana** | **Ħamrija fertili** | **Nixfa kbira**

**Provista tajba tal-ilma** | **Mezzi tajba ta' komunikazzjoni**

**Ħamrija fqira**

**(3)**

(f) Agħti l-isem tal-pajjiż immarkat bl-ittra **D** fuq il-mappa tad-dinja.
Agħżel minn dawn: **L-Indja, Iċ-Ċina, Il-Bangladexx, L-Awstralja.**

______________________________

**(2)**

(g) Il-pajjiż **D** għandu densità ta' popolazzjoni għolja. X'nifhmu meta ngħidu **densità ta' popolazzjoni għolja**?

______________________________

______________________________

______________________________

**(2)**

(h) Il-pajjiżi mmarkati bl-ittri **E**, **F** u **G** jipproduċu ħafna żejt. Semmihom.
Agħżel minn: **Il-Libja, Il-Kanada, L-Eġittu, L-Istati Uniti (L-Alaska), Il-Messiku, L-Indoneżja, Il-Ġamajka, u L-Awstralja.**

| | |
|---|---|
| **E** | |
| **F** | |
| **G** | |

**(3)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(i) Għalfejn taħseb li t-tħaffir għaż-żejt fil-pajjiż immarkat bl-ittra **G** huwa diffiċli?
Ittikkja (✓) it-tajba.

| | |
|---|---|
| It-tħaffir huwa diffiċli peress li hemm ħafna foresti tropikali. | |
| It-tħaffir huwa diffiċli peress li ż-żejt jinsab qrib ħafna ta' fejn joqogħdu n-nies. | |
| It-tħaffir għaż-żejt hu diffiċli peress li l-art hija kollha miksija bis-silġ. | |
| It-tħaffir għaż-żejt huwa diffiċli peress li t-temperaturi jkunu għoljin ħafna matul il-jum. | |

**(2)**

(j) Għalfejn taħseb li t-tħaffir għaż-żejt fil-pajjiż immarkat bl-ittra **F** huwa diffiċli ħafna?
Ittikkja (✓) it-tajba.

| | |
|---|---|
| It-tħaffir huwa diffiċli peress li hemm ħafna foresti tropikali. | |
| It-tħaffir huwa diffiċli peress li ż-żejt jinsab qrib ħafna ta' fejn joqogħdu n-nies. | |
| It-tħaffir għaż-żejt hu diffiċli peress li l-art hija kollha miksija bis-silġ. | |
| It-tħaffir għaż-żejt huwa diffiċli peress li t-temperaturi jkunu għoljin ħafna matul il-jum. | |

**(2)**

(k) Spjega **żewġ** metodi differenti kif iż-żejt jista' jiġi ttrasportat minn pajjiż għal ieħor.

______________________________

______________________________ **(2)**

(l) X'tissejjaħ l-istruttura li qed naraw fl-istampa t'hawn taħt?



______________________________ **(1)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(m) Għalfejn jintużaw dawn l-istrutturi?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(2)**

(n) Agħti **żewġ** modi li juru kif strutturi kbar bħal dawk li qed naraw fl-istampa hawn fuq jistgħu jikkawżaw ħsarat ambjentali speċjalment wara xi splużjoni.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(2)**

(o) Semmi l-bliet immarkati bl-ittri **E**, **F** u **G** fuq il-mappa f'paġna 5. Agħżel minn dawn: **Addis Ababa, Seoul, Madras, Il-Belt tal-Messiku, São Paulo.**

| | |
|---|---|
| **H** | |
| **I** | |
| **J** | |

**(3)**

(p) Liema waħda mill-bliet imsemmija fil-lista f'mistoqsija (o) tinsab fl-Amerika t'Isfel?

____________________________ **(1)**

(q) Spjega għaliex fil-bliet bħal dawk imsemmija f'mistoqsija (o), il-popolazzjoni qed tiżdied b'rata mgħaġġla ħafna.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(4)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers




StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. (a) Kompli dawn is-sentenzi dwar it-tagħwir tal-blat billi tuża dawn il-kelmiet:

**jiċkien, jespandi, kesħa, basla, fid-deżert, l-għeruq, aċidu, statwi, il-pjanti, ilma**

**It-tagħwir tal-blat folja folja** huwa komuni ħafna ____________________ fejn il-blat jiġi espost b'mod regolari għal sħana u ____________________ kbira. Hekk kif il-blat jisħon, dan ____________________ filwaqt li ____________________ hekk kif jiksaħ. Meta dan iseħħ ta' spiss, il-qoxra ta' barra tal-blat tibda titqaxxar bħall-qoxra ta' ____________________.

**It-tagħwir tal-blat b'mod kimiku** jseħħ kawża tal-____________________ li jkun fih ammont ta' ____________________. Minħabba f'hekk ħafna ____________________ tal-ġebel jibdew ifarfru jew jittieklu.

**It-tagħwir tal-blat b'mod bijoloġiku** jseħħ kawża tal-attività tal-ħlejjaq u ____________________. Hekk kif iż-żrieragħ jikbru fix-xquq tal-blat ____________________ ta' dawn il-pjanti, iwessgħu dawn ix-xquq sakemm il-blat jixxaqqaq u jitkisser. **(10)**

(ii) Permezz ta' tpinġijiet illejbiljati sewwa, spjega kif iseħħ **it-tagħwir tal-blat bil-ġlata**.

**(6)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Ħares sewwa lejn l-istampa ta' hawn taħt. Din turi l-ilma miexi mal-korsa tax-xmar



(a) Semmi **erba'** modi kif ix-xmajjar jistgħu jkunu ta' użu għall-bniedem.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(4)**

(b) Spjega kif ix-xmara li tidher fl-istampa tista' tiekol u ġġorr il-materjal fi triqitha 'l isfel.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(4)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(c) Agħti t-terminu ġeografiku li jispjega sewwa dawn il-karatteristiċi tax-xma d minn fejn tgħaddi. Agħżel minn dawn: **għajn ix-xmara, fomm ix-xmara, wied ta’ V, wied f’għamla ta’ U, is-sodda tax-xmara, xatt ix-xmara, kaskata, meandra**

| | |
|---|---|
| Fejn tibda x-xmara. | |
| L-għamla tal-wied fil-bidu tax-xmara. | |
| Il-qiegħ tax-xmara. | |
| Il-ġnub tal-kanal tax-xmara. | |

**(4)**

4. Ħares sewwa lejn ir-ritratti t’hawn taħt.





www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

(a) X'tissejjaħ il-materja prima li qed tinqata' mill-barriera?

____________________________

(b) Ma' liema settur tal-ekonomija jagħmel dan ix-xogħol? Agħżel minn **settur Primarju, Sekondarju** jew **Terzjarju.**

____________________________ **(2)**

(c) Għalfejn din l-industrija hi meħtieġa għall-ekonomija Maltija?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

**(2)**

(d) Agħti **żewġ** modi kif din il-barriera tista' toħloq impatti negattivi fuq l-ambjent u n-nies li joqogħdu fil-qrib.

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

**(4)**

5. (a) X'nifhmu meta ngħidu **sors ta' enerġija rinnovabbli**?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________

**(2)**

(b) Semmi żewg sorsi ta' enerġija rinnovabbli li nistgħu nużaw hawn Malta.

____________________________

____________________________ **(2)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

(c) X'inhi **enerġija idroelettrika** u għaliex ma nistgħux nużaw dan is-sors ta' ener[...] Malta?

StudentBounty.com

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(4)**

(d) Għalfejn taħseb li l-gvern f'pajjiżna qed iħajjar lin-nies jużaw enerġija rinnovabbli.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(4)**

6. Ħares sewwa lejn il-graff f'paġna 11 bl-isem **Il-Popolazzjoni tad-Dinja** li turi biċ-ċar kif inbidlet il-popolazzjoni dinjija matul is-snin. (1,000,000,000 = biljun)

(a) Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba miktuba fil-parentesi.

(i) Il-popolazzjoni tad-dinja qed (**tiżdied, tonqos, tibqa' l-istess**).

(ii) Kien hemm anqas minn 1,000,000,000 ruħ fis-sena (**2000, 1994, 1500**).

(iii) F'dawn l-aħħar snin il-popolazzjoni tad-dinja kibret b'rata (**kajmana, mgħaġġla, medja**).

(iv) Fl-1850 kien hawn jgħixu (**biljun, 3 biljun, 6 biljun**) ruħ fid-dinja; illum hawn aktar minn (**6, 8, 9**) biljuni.

**(5)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers




(b) Ittikkja (✓) dawn is-sentenzi skont jekk humiex veru jew falz.

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| i. | Fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw il-popolazzjoni qed tikber b'rata mgħaġġla ħafna. | | |
| ii. | Ir-rata tal-imwiet turi n-numru ta' nies li jmutu kull sena. | | |
| iii. | Il-popolazzjoni ta' pajjiż tikber jekk ir-rata tat-twelid tkun daqs dik tal-imwiet. | | |
| iv. | Il-popolazzjoni tikber jekk ir-rata tal-imwiet hija akbar minn dik tat-twelid. | | |
| v. | F'pajjiżi żviluppati l-popolazzjoni qed tikber b'rata baxxa ħafna. | | |

**(5)**

(c) Hawn taħt ikteb mill-ġdid u sewwi l-iżbalji li kellhom xi sentenzi fit-taħriġ 6(b).

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**(2)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers